**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Gunju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 757/2017 AF**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**vs**

**Hussein Lukman u Carmen Lukman**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' HSBC Bank Malta p.l.c. kif konfermat bil-gurament minn Dr. Ralph Agius Fernandez, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-intimati ingħataw self mill-Bank rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, u ħamsin Lira Maltin (Lm22,050.00, illum ekwivalenti għal €51,362.68) ai termini ta' kuntratt ta' self atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja (Att Nru. 542/2012) tal-4 ta' Settembru, 2001 [kopja tal-att notarili qed jiġi anness, flimkien ma' kopja tas-*Sanction Letter* u l-*General Terms and Conditions* li jaghmlu parti mill-istess kuntratt notarili bħala Dok. HSBC 1].

Sussegwentement, din il-faċilità nqasmet f'żewġ kontijiet ta' self li jġibu n-numru *Home Loan 87916192* u *Home Loan 14072836* rispettivament u dan sabiex l-intimati jkunu jistgħu

jibbenefikaw minn skema maħruġa mill-Awtorità tad-Djar għall-għoti ta' sussidju fuq l-ewwel ħmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) tal-kapital.

Maż-żmien il-konjuġi Lukman ma baqgħux jonoraw il-ħlasijiet miftiehma. Fil-fatt, l-intimati ilhom 'l fuq minn sena ma' jagħmlu pagamenti ulterjuri fuq il-kontijiet surriferiti, b'dan illi l-aħħar pagament sar fit-22 ta' Frar, 2016. Għaldaqstant, l-intimati tilfu l-benefiċċju taż-żmien, b'dan illi huma preżentement debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont sħiħ misluf ta' sitta u tletin elf erba' mija erbgha u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€36,484.47) mis-self oriġinarjament avvanzat, konsistenti in kwantu għal €11,623.51 b'rabta mal-kont numru 14072836 minn liema somma hemm l-ammont ta' €1,371.37 huwa rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati sas-27 ta' Gunju 2017 u in kwantu għal €24,860.96 b'rabta mal- kont 87916192 minn liema somma l-ammont ta' €3,368.89 huwa rapprezentanti mghaxijiet ikkalkulati sas-27 ta' Gunju 2017, u dan kif jidher mill-*statements* annessi (ara Dok. HSBC 2) u dan mingħajr preġudizzju għal imgħaxijiet ulterjuri dovuti bit-8%.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluż ittra uffiċjali mibgħuta lill-intimati nhar is-17 ta' Settembru, 2014 (Dok. HSBC 3) l-intimati baqghu inadempjenti.

Hħalhekk kellha ssir din il-kawża fil-konfront tal-intimati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara illi l-intimati m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekadew mill-benefiċċju taż-żmien;

(ii) Tiddikjara illi l-intimati huma debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma totali ta' sitta u tletin elf erba' mija erbgha u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€36,484.47) f'ammont bilanċjali b'rabta mal-kontijiet *Home Loan 87916192* u *Home Loan 14072836* dovut ai termini tal-kuntratt ta' self bejn il-partijiet, konsistenti in kwantu għas-somma globali ta' wiehed u tletin elf seba' mija erbgha u erbghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€31,744.21) bħala kapital dovut fuq iz-zewg kontijiet

rispettivi, u in kwantu għall-ammont ta' erba' t'elef seba' mija u erbghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€4,740.26) dovuti bħala imghaxijiet ikkalkulati sas-27 ta' Gunju, 2017, minbarra l-imghaxijiet legali ulterjuri sal-pagament effettiv.

(iii) Tikkundanna lill-intimati jhallasu lill-bank rikorrenti s-somma totali msemmija ta' sitta u tletin elf erba' mija erbgha u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€36,484.47) dovuta kif fuq deskritt, inkluz imghaxijiet legali ulterjuri mit-28 ta' Gunju 2017 sal-pagament effettiv.

B'riżerva għal kwalsiasi imgħaxijiet ulterjuri u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali suċċitati mibgħuta lill-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma wiegbux ghall-kawza.

Rat in-noti tas-socjetà rikorrenti li bihom s-somma mitluba giet korretta stante li kienu saru xi pagamenti fil-mori tal-kawza.

Ikkunsidrat illi l-Bank rikorrenti rnexxielu jipprova permezz tad-dokumenti esibiti illi t-talba tieghu hija gusitifkata.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

i) tilqa' l-ewwel talba kif dedotta fir-rikors promotur;
ii) tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-intimati huma debituri tal-Bank rikorrenti fis-somma globali ta' hamsa u tletin elf erba' mija u tmienja u sebghin Ewro u disghin centezmu (€35,478.90) u imghaxijiet ulterjuri mis-6 ta' Gunju 2018;
iii) tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Hussein Lukman u Carmen Lukman ihallsu lil HSBC Bank Malta p.l.c. is-somma ta' hamsa u tletin elf erba' mija u tmienja u sebghin Ewro u disghin centezmu (€35,478.90), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mis-6 ta' Gunju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Hussein Lukman u Carmen Lukman.

IMHALLEF

DEP/REG